# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar l-Erbgha hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru 2017

Libell Nru 5/15

**Stephen Borg**

vs

**Ralph Cassar**
(ID 246974M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-kwerelat Ralph Cassar permezz ta' tahrika privata ta' Stephen Borg fl-10 ta' April 2015, fejn Ralph Cassar gie akkuzat:

Talli, nhar it 13 ta' Frar 2015 u fil-granet ta' wara, ghamel kummenti fuq is-sit www.facebook.com fil-pagna msemmija Attard Local Council fil-konfront ta' Stephen Borg li jirrappresentaw fatti inveritjeri u ghalhekk intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni u l-gieh tal-istess kwerelant Stephen Borg, u dana fost ohrajn, bi ksur tal-Artikolu 18 u 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid:

> *Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.*

Rat l-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jghid:

> *Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-prosekuzzjoni, ossija Statement ta' Ralph Cassar datata 17 ta' Frar 2015 (fol 3), emails mibghtua mill-kwerelant Stephen Borg, lill-Ispettur Luke Bonello u mibghuta fis 16 ta' Frar 2015 fit 18.38 (fol 6), fit 18.42 (fol 7), fit 18.50 (fol 8) u fid 19.29 (fol 9).

Rat il-post fuq il-facebook illi sar mill-kwerelat Ralph Cassar fit 13 ta' Frar 2015 fil 17.50pm (fol 10).

Semghet ix-xhieda tal-kwerelant **Stephen Borg** moghtija fis 17 ta' Gunju 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2015 il-kwerelant ippresenta elenku shih ta' kotba illi kien hemm gewwa l-librerija ta' Attard u li nghaddew lill-Malta Libraries u li qed jinsammu fil-mahzen tac-Central Public Library.

Semghet ix-xhieda ta' **Oliver Magro**, Kap Ezekuttiv u Librar Nazzjonali tal-Malta Libraries, moghtija fl-1 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Sharon Falzon**, Head fi hdan il-Librerija Nazzjonali, moghtija fid 19 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' Stephen Borg moghtija fid 19 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2016 , il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Marika Mifsud**, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard, moghtija fil 25 ta' Frar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Marika Mifsud moghtija fit 3 ta' Mejju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita mill-kwerelant waqt il-kontro ezami ta' Mifsud.

Rat illi fit 3 ta' Mejju 2017 l-kwerelat Ralph Cassar iddikjara illi ma xtaqx jixhed u ghalhekk gharraf lill-Qorti illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-4 ta' Ottubru 2017, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-kwerelant Stephen Borg huwa Librar illi jahdem fil-Librerija Nazzjonali u jahdem bhala ko-ordinatur tal-Libreriji Pubblici kollha f'Malta fejn jiehu hsieb illi jivverifika l-kotba kollha illi jinsabu fil-varji Libreriji Publici illi jinsabu f'Malta u jaccerta ruhu, fost affarjiet ohra, illi tali kotba huma katalogizzati u fi stat tajjeb ta' uzu, filwaqt illi jnehhi mic-cirkolazzjoni dawk il-kotba illi huma antiki jew fi stat hazin ta' manutenzjoni.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-kwerelat, Ralph Cassar, huwa Kunsillier fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Attard fejn huwa jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-Librerija Pubblika gewwa Attard, liema Librerija, skond Ftehim ta' Ko-Operazzjoni iffirmat fil-5 ta' Marzu 2001 bejn il-Kunsill Lokali ta' Attard u l-Libraries and Archives Department (fol 250), qed tigi amministrata mill-Kunsill Lokali bl-ghajnuna tad-Dipartiment.

Jirrizulta illi fl-10 ta' Lulju 2014, il-kwerelant Borg kien ghamel zjara gewwa l-Librerija sabiex jivverifika kemm l-istat tal-Librerija kif ukoll l-istat tal-kotba u seta jikkonstata illi kien hemm hafna kaxxi ta' kotba fil-librerija mimlija kotba illi kienu ghadhom ma gewx katologizzati u ghalhekk mhux a disposizzjoni tal-pubbliku, filwaqt illi kien hemm ukoll hafna kotba fi stat hazin jew antiki, u ghalhekk kien issugerixxa illi jsir dak minnhom imsejjah bhala "weeding exercise" sabiex jitnehhew il-kotba antiki, filwaqt illi jigu processati mill-aktar fis possibbli il-kotba gewwa l-kaxex.

Jirrizulta illi fil-11 ta' Frar 2015, tlett impjegati tal-Librerija Centrali Pubblika marru gewwa l-Librerja ta' Attard u gabru l-kaxxi kollha tal-kotba illi kienu ghadhom ma gewx ipprocessati w dawna ttiehdu fil-Librerija Centrali Pubblika.

Jirrizulta illi dina wasslet ghall-reazzjoni negattiva da' parte tal-kwerelat, Ralph Cassar, fejn fuq il-pagna tal-Kunsill Lokali ta' Attard fuq is-sit socjali Facebook ghamel is-segwenti kummenti:

> *Ghadni kemm gejt infumat li l-Erbgha 11 Frar 2015 mar illibrerija certu Steve Borg (li mid-dehra dan l-ahhar huwa ufficcjal tad-dipartiment ta- libreriji li ghandu xi poter li jaqbad u jaght l-ordnijiet) u qabad u ha kaxxex bil-kotba mil-librerija ghax skont hu ged isir 'hoarding' tal-kotba. Bhala kunsilier li ili insegwi l-problemi tal-librerija u n-nuqqas ta' spazju li wikkewlna dak li ghamel dan Steve Borg minghajr ma avza u kkonsulta ma hadd huwa inaccettabbli. Iva, tant mhemmx spazju li jkollna nzommu ammont ta' kotba fil-kaxxi.*
>
> *Jien jidhirli hi:*
>
> *1. L-attitudni tieghu lejn il-librara huwa kompletament inaccettabbli.*
> *2. Ma jistax jaqbad u jmuru jaghti ordnijiet f'post amministrat mill kunsili Lokali u jiehu propjeta tal-komunita'.*
> *3. Id-dicenza titlob li jigi infurmat il-Kunsill dwar kwalumkwe spezzjoni fil-librarija devoluta lill-Kunsill u jekk ikun hemm suggerimenti dwar il-librerija dawn jigu diskussi mal-Kunsill.*
> *4. L-attitudni tas-sur Borg hija aktar u aktar inaccettabbli ghax il-Kunsill qatt ma nghata ghajnuna biex jinstab post addattat ghal librerija pubblika, fil-fatt il-Kunsill qed jahdem fuq progett fit-tul li jinkludi librerija parti mir-rigenerazjoni tal-istazzjon tal-ferrovija.*
> *5. L-attitudni u arroganza tas-sur Steve Borg fir-rigward ta' persuna li taghti servizz lill-komunita li minn post zghir issellef mal-15,000 ktieb fis-sena lir-residenti taghna hia kompletament inaccettabbli.*
> *6. lt-tehid tal-kotba minghajr il-permess ta-Kunsill jikkostitwixxi serq tal-assi tal-Kunsil u fl ahhar mil-ahhar tal-assi tal komunita.*
> *7. Id Dipartiment tal Libreriji jiehu ghomor biex jikkataloga l-kotba, imbaghad jigi s-Sur Borg bl-arja kollha jisraq il-kotba tal-komunita' - dawk taghna u naghmlu bihom li jidhrilna ahna.*
>
> *Din hija l-opinjoni tieghi bhala kunsillier u mhux tal-Kunsill, izda konvint li l-kunsilliera l-ohra meta niddiskutu dil materja jaqblu mieghi. Jidhiri li kelli naghmel dan il-post ghax tajjeb li itkunu tafu minn xiex nghaddu minnu bhala kunsill u kunsilliera u anke bhala staff tal-Kunsill li jippretendu li bir rizorsi mizeri naghmlu mirakli u minn fuq jigi xi hadd b'hafna arja u pompozita minghajr lanqas biss jikkonsulta jisraq trakk kotba. Taghna lkoll Sur Borg... taghna lkoll...tifhimni zgur.*

Jirrizulta illi l-kwerelant Borg, dakinhar stess, 13 ta' Frar 2015 fit 20.07, kiteb lis-Sindku ta' Attard, Stefan Cordina, kif ukoll lis-Segretarja Ezekuttiv, Marika Mifsud fejn gharrafhom fuq l-azzjoni illi huwa ha fil 11 ta' Frar 2015. (fol 247).

Jirrizulta wkoll illi fl-14 ta' Frar 2015 fil 11.29, kiteb il-Librar Nazzjonali, Oliver Mamo, illi filwaqt li spjega l-azzjoni mehudha, ghamel referenza ghall-post tal-kwerelat Ralph Cassar u talab lill-Kunsill sabiex johrog stqarrija jikkontradici dak allegat mill-kwerelat (fol 245).

Jirrizulta illi dakinhar stess, sar skambju bejn Oliver Mamo u Stefan Cordina, fejn dana ta' l-ahhar gharrfu illi l-kwerelat kien qieghed jesprimi l-opinjoni tieghu, kif kellu kull dritt illi jaghmel, u ghalhekk setghu jikkomunikaw mieghu.

Jirrizulta illi fis-16 ta' Frar 2015, fin 12.30, il-kwerelant Stephen Borg mar l-Ghassa ta' Birkikaara fejn ghamel rapport kontra l-kwerelat Ralph Cassar. (fol 15)

Jirrizulta illi fis-17 ta' Frar 2015, fil 15.03, l-kwerelat Ralph Cassar mar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fejn gie mitlub jaghmel Stqarrija lill-Pulizija dwar dak minnu miktub u meritu tal-kawza odjerna. (fol 3)

Jirrizulta illi fl-10 ta' April 2015 il-Pulizija ippresentaw it-Tahrika ta' Kawza Privata ta' Stephen Borg kontra Ralph Cassar quddiem dina l-Qorti kif ppresjeduta.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-akkuzi migjuba quddiem dina l-Qorti, kif gia elenkati fil-bidu ta' dina l-kawza kif ukoll riprodotti verbatim, huma bbazati fuq l-artikolu l-Artikolu 252 (1) tal-Kap 9 kif ukoll l-Artikolu 18 tal-Kap 9.

Jirrizulta mill-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti, illi l-akkuzi kollha huma bbazati fuq il-*facebook* post illi l-kwerelat Ralph Cassar tella fuq il-pagna tal-Facebook tal-Kunsill Lokali ta' Attard fit 13 ta' Frar 2015.

Jirrizulta ghalhekk, illi l-azzjoni ta' ingurja u malafama intavolata quddiem dina l-Qorti hija bbazata unikament fuq stampat.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**, deciza fl-10 ta' Lulju 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippresjeduta mill-Prim Imhallef Vincent DeGaetano, fejn intqal:

> *"Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l- appellant li ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l- Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill- Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil- mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248".*

Jirrizulta ben car illi l-akkuzi migjuba quddiem dina l-Qorti ma ngiebux abbazi tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ngiebu unikament abbazi tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u aktar precizament, abbazi tal-Artikolu 18 u 253 (1) ta' l-istess Kap 9.

Ghalhekk, in linja mal-insenjament fuq indikat u adoperat minn dawna l-Qrati regolarment, l-akkuza migjuba kontra l-kwerelat Ralph Cassar bbazati fuq l-Artikolu 252 (1) u l-Artikolu 18 tal-Kap 9 ma jistghux jirrizultaw peress illi dak lamentat mill-kwerelant Stephen Borg bhala malafamanti sar permezz ta' stampat u ghalhekk, abbazi tal-Artikolu 256 tal-Kap 9, l-azzjoni kellha ssir unikament abbazi tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi semghet il-provi kollha prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Wara illi rat l-Artikolu 18, 252(1) u 256 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tillibera lill-kwerelat Ralph Cassar mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur